KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR
Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

***Minuti tal-94 laqgha tal-Hames Kunsill Lokali li nzammet fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgha 26 ta' Jannar 2011 fil-6:00 p.m.***

| **Prezenti** | **Membri** |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Kunsillieri** | Pio Fenech |
| | Michael Mifsud |
| | Alfred Muscat |
| **Agent Segretarju Ezekuttiv** | Fabian Mizzi |

***L-Agent S.E. informa li l-Vici Sindku infurmah permezz ta' email li ma kienx ser jattendi ghal din il-laqgha peress li ser ikun imsiefer fuq xoghol. Fic-cirkostanzi l-Kunsill qies din ir-raguni bhala wahda valida u ghalhekk il-Vici Sindku gie meqjus bhala skuzat ghal-laqgha.***

**94/01 Talba**

**94/01/01** Il-laqgha bdiet fis-6.15 p.m. billi intqalet it-talba.

**94/02 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Nru 93**

**94/02/01** Is-Sindku staqsa jekk xi hadd xtaqx jipproponi xi emendi fil-minuti ta' l-ahhar laqgha tal-Kunsill. Peress li ma kienx hemm emendi dawn gew approvati unanimament u iffirmati.

**94/03 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha tal-Lokalita'**

**94/03/01** Is-Sindku staqsa jekk xi hadd xtaqx jipproponi xi emendi fil-minuti ta' din il- laqgha. Peress li ma kienx hemm emendi dawn gew approvati unanimament u iffirmati.

**94/04 Punti mtella' mill-minuti**

**94/04/01** ***Para 92/03/02 – Wi-Fi fi Gnien il-Paci***: L-Agent S.E. informa li s-sistema kienet qed tahdem u li kien ghad jonqos li tehel it-tabella li tindika li fil-Gnien hemm il-facilita' tal-*Wi-Fi*.

**94/04/02** ***Para 92/03/03 – Crash Barriers***: L-Agent S.E. informa li konna rcivejna l-hlas minghand TM u ghalhekk kien sar il-pagament lill-kuntrattur.

**94/04/03** ***Para 92/03/05 – Fixed Assets Register***: L-Agent S.E. informa li x-xoghol relatat mas-suggett ghandu jkun tlesta sa laqgha ohra.

**94/04/04** ***Para 92/03/06 – Kors ta' Boat Operator***: L-Agent S.E. informa li wara li kienu hargu l-avvizi, kienet inkitbet persuna wahda biss u ghalhekk gie unanimament deciz li dan il-kors ma jsirx minhabba nuqqas ta' nteress.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**94/04/05** ***Para 92/03/07 – Xoghlijiet fi Triq San Gwann***: L-Agent S.E. informa li x-xoghol relatat mal-*cable* ta' l-Enemalta ghandu jitlesta sa tmiem din il-gimgha u li minn ghada ghandu jibda x-xoghol fuq il-bdil tal-*mains* ta' l-ilma li ghandu jiehu madwar 3 gimghat. Immedjatament wara isir il-kisi bit-tarmak. Il-Kunsill insista li jizdiedu l-haddiema halli x-xoghol jitlesta fi zmien iqsar u li kontinwament waqt li jkunu ghaddejjin ix-xoghlijiet ikun hemm prezenti Gwardjan Lokali halli imexxi t-traffiku.

**94/04/06** ***Para 92/03/08 – Xelter fi Triq Ferdinandu***: L-Agent S.E. informa li kien gie nfurmat li minhabba xoghol ta' natura urgenti, x-xoghol fuq il-ftuh ta' dan ix-xelter kellu jinbeda madwar xahar iehor. Gie unanimament deciz li ghandna ngibu konferma bil-miktub minghand id-Dipt tad-Distretti li xahar iehor ix-xoghol jibda.

**94/04/07** ***Para 92/03/09 – Gbir ta' skart separat***: Gie unanimament approvat is-suggeriment li sar minn Green MT sabiex, bi prova, kull nhar ta' Tlieta jibda jsir biss gbir ta' karti u kartun filwaqt li nhar ta' Hamis isir il-gbir ta' plastik u metal. Gie unanimament deciz ukoll li din is-sistema l-gdida tiddahhal wara li ssir kampanja edukattiva fir-rahal minn Green MT (preferibilment fil-ghaxija halli r-residenti ikunu d-dar) kif ukoll bil-kundizzjoni li qabel tibda tithaddem is-sistema Green MT joffru aktar boroz grizi minghajr hlas. Il-Kunsill unanimament qabel ukoll li din is-sistema ma ghandhiex tibda qabel l-20 ta' Frar 2011 halli jkun hemm bizzejjed zmien sabiex issir il-kampanja edukattiva u jigu infurmati r-residenti. L-Agent S.E. ghandu jikteb lill-Green MT u jinfurmahom b'dan kollu. Il-Kunsill qed jirriserva d-dritt li jwaqqaf dan it-tibdil jekk tinhass il-htiega u l-gbir ta' skart separat ikompli jsir kif qed isir bhalissa.

**94/04/08** ***Para 92/03/10 – Xoghlijiet taht l-iskema PPP***: L-Agent S.E. informa li wara li kienu tkejjlu t-toroq, konna rcivejna l-kontijiet ta' Triq Naxxar u Triq Indipendenza (dawn huma nkluzi fl-iskeda ta' pagamenti). Il-Perit tal-Kunsill kien ikkonferma l-kontijiet.

Huwa qal li l-bdil tal-*main* ta' l-ilma fi Triq Ghaxqet l-Ghajn (*Part 4*) kien tlesta u issa jonqos biss il-kisi bit-tarmak li jiddependi fuq it-temp. Jonqos ukoll li l-kuntrattur jibni hajt li twaqqa minnu waqt ix-xoghlijiet. Is-Sindku spjega li kienet saret talba lil TM sabiex jigu nstallati *crash barriers* fil-parti li taghti ghal fuq il-wied minhabba l-periklu li jezisti. Rigward il-*culvert* huwa qal li wara prova li saret, jidher li l-ilma qed jimxi minn gol-*culvert*. Gie unanimament deciz li ma jsir xejn iktar dwar dan.

Rigward Triq tal-Ferha, l-Agent S.E. informa li x-xoghol fuq il-bdil tal-*main* ta' l-ilma beda llum u li jekk ma jinqala xejn, ix-xoghol tat-tarmak ghandu jsir il-gimgha d-diehla wkoll. Is-Sindku nforma li hemm il-probabbilita' li s-Seg. Parl. Dr. Chris Said jaghmel zjara fir-rahal waqt li jkun qed isir ix-xoghol ta' tarmak.

L-Agent S.E. informa li ghad irid jikteb lid-Dipt tal-Gvern Lokali sabiex jinfurmah biz-zieda fit-*total cost* tal-progett. Peress li diga dahlu hafna ilmenti gie unanimament approvat li meta jitlesta t-tarmak fi Triq Ghaxqet l-Ghajn jigu installati tabelli u *traffic calming measures* bhal dawk li saru fil-parti l-ohra ta' Triq Ghaxqet l-Ghajn.

**94/04/09** ***Para 92/03/13 – Bozza moghttija bis-Sigar***: L-Agent S.E. informa li r-resident li mal-faccata tieghu hemm imwahhla l-bozza in kwistjoni kien oggezzjona ukoll li tehel bozza aktar il-fuq minn dik ezistenti. Fic-cirkostanzi gie unanimament deciz li ghandna nippruvaw naraw jekk hemmx xi residenti faccata ta' fejn hemm il-bozza llum li lesti jaccettaw li l-imsemmija bozza tehel mal-faccata taghhom. Jekk hadd ma jaccetta gie unanimament deciz li xorta wahda nippruvaw inwahhlu l-bozza mal-faccata ezistenti imma aktar il-fuq u jekk ikun hemm bzonn nitollbu l-ghajnuna tal-Pulizija.

**94/04/10** ***Para 92/03/14 – Hmieg tal-Hamiem***: Wara li gie nnotat li ma kienx hemm zviluppi posittivi f'dan ir-rigward, gie unanimament deciz li ghandna nergghu inkellmu lis-sid u ninsistu mieghu li sakemm ma jsibx soluzzjoni, m'ghandux ihalli l-hamiem jittajjar fl-inhawi u li bhala Kunsill Lokali konna ser ninfurmaw lill-MEPA dwar dan.

**94/04/11** ***Para 92/03/16 – Restawr Pittura*** : Is-Sindku nforma li bi qbil mal-Kappillan kien gie deciz li c-cerimonja ghandha ssir il-Gimgha 4 ta' Marzu fejn wara l-Quddiesa ta' fil-ghaxija ghandu jkun hemm diskors mir-restawratur, mill-Kappillan, mis-Sindku u mill-Onor. Dr Chris Said. Gie unanimament approvat it-*text* tal-plakka li ser titwahhal taht il-pittura restawrata u ghal dan il-ghan giet approvata l-kwotazzjoni minghand Sign Services ghas-somma ta' € 105 + VAT. Gie unanimament deciz li jigi mistieden il-kor Pax Christii ghal din il-quddiesa u l-Agent S.E. intalab jiehu hsieb l-arrangamenti kollha ghal din il-quddiesa inkluz l-avvizi lir-residenti.

**94/04/12** ***Para 92/05/01 – Reserved Parking Bay*** : L-Agent S.E. informa li konna rcivejna minghand it-TM li peress li min kien juza din ir-*Reserved Bay* kien miet, il-Kunsill seta jhassarha. Fic-cirkostanzi gie unanimament deciz li din ghandha titnehha u li minn flokha jsir jsir *line* abjad wieghsa metru sabiex ikun hemm access ghar-residenti ta' dan l-isqaq. Dan ghandu jsir bil-kundizzjoni li *pot* tal-fjuri li hemm bhalissa fejn ser jigi fil-passagg, jitnehha mis-sid.

***Il-Kunsillier M. Mifsud inghaqad mal-Kunsill fis-7:05 pm***

**94/04/13** ***Para 92/05/02 – Single Yellow Line*** : L-Agent S.E. informa li dan ix-xoghol kien sar kif approvat fl-ahhar laqgha pero kien hemm min talab li dan jittawwal ghall-parti d-dejqa peress li xorta wahda hemm vettura li qed tinblokka l-access fil-parti d-dejqa tat-triq billi tipparkja in parti fuq il-bankina. Fic-cirkostanzi gie unanimament deciz li inkellmu lil s-sid ta' din il-vettura u ninfurmawh li jekk ser ikompli johloq ostaklu konna ser ninfurmaw lill-Pulizija. Il-Kunsill innotat ukoll li l-line isfar li sar mill-haddiem tal-Kunsill mhux dritt u l-Agent S.E. ghandu jara li x-xoghol isir b'mod professjonali u skond is-sengha.

**94/04/14** ***Para 92/06/05 – Festival tal-Halib 2011*** : L-Agent S.E. informa li ghalkemm kien kiteb darbtejn, kien ghadu ma rciviex risposta minghand l-MRRA jekk kienux ser jippartecipaw maghna f'dan il-festival. Fic-cirkostanzi gie deciz li ghandna nkellmu lis-Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru sabiex tinkiseb risposta kemm jista jkun malajr.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**94/04/15** ***Para 92/07/02 – Laqgha tal-Lokalita'*** : Gie nnotat li din kienet saret kif approvat.

**94/04/16** ***Para 92/07/03 – Website*** : Is-Sindku nforma li peress li ma kien gie registrat l-ebda zvilupp dwar is-suggett, konna ktibna lid-*developer* ninfurmawh li l-Kunsill kien ser jaghmel tnaqqis ta' 15% mill-kont finali minhabba dan id-dewmien.

**94/04/17** ***Para 93/04/01 – Appraisal Reports Skrivani*** : L-Agent S.E. informa li huwa kien iddiskuta l-*Action Plans* imsemmija fl-ahhar laqgha mas-Sindku u li dawn kienu gew mghoddija verbalment lill-iskrivani. Issa jonqos li jigu inkorporati fl-*Appraisal Reports* ta' l-iskrivani u jigu segwiti regolarment u jinzammu *records* tal-progress miksub. Il-Kunsill talab li l-*Appraisal Reports* jigu ipprezentati lill-Kunsill meta jigu emendati.

**94/05** **Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti**

**94/05/01** L-Agent S.E. ipprezenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti / mhallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-ufficcju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet giet ippublikata l-Agenda. Dawn kollha gew approvati unanimament. Gie unanimament approvat ukoll il-hlas ta' € 62 lis-Sindku (Akkomodazzjoni Laqgha tas-Sindki) u € 37.50 lid-Dipt. ghall-Gvern Lokali ghal-riklam li deher fil-Malta Independent.

**94/06** **Ilmenti u Suggerimenti**

**94/06/01** Talba sabiex issir mera faccata ta' *garage* fi Triq Naxxar.

Gie unanimament deciz li din il-mera ghandha ssir mis-sid peress li l-Kunsill ma jistax jaghmel xoghol fi propjeta privata.

**94/06/02** Ilment dwar bankina li tizloq fi Triq 31 ta' Marzu kantuniera ma Triq Zellieqa.

Gie unanimament deciz li l-haddiema tal-Kunsill gahndhom ibaqqnu din il-parti tal-bankina sabiex ma tibqax tizloq.

**94/06/03** Ilment dwar resident li allegatament qed inaddaf il-gnien tieghu u jhammeg propjeta ta' haddiehor.

Gie unanimament deciz li ghandha nitolbu lil min ghamel lilment ghal iktar informazzjoni u wara inkellmu lil min qed jaghmel dan l-abbuz.

**94/06/04** Diversi lmenti minn residenti dwar ilma tax-xita li qed jifforma ghadira kbira fi Triq San Gwann.

Is-Sindku nforma li konna ktibna lid-Dipt. ta' l-Artijiet sabiex naraw jekk meta sar trasferiment ta' l-ghalqa li fiha qabel kien jiskula l-ilma kienx inzamm id-dritt li dan jibqa jsir u dan li s-sidien/kerrejja l-godda kienu hadu l-passi sabiex jirrestringu li ilma tax-xita li jidhol fl-ghalqa taghhom kif dejjem kien isir. L-Agent S.E. intalab isegwi mill-qrib ir-risposta minghand id-Dipt ta' l-Artijiet.

**94/06/05** Talba sabiex il-Kunsill jirranga bankina fi Triq Stiefnu Zerafa li tkissret waqt xoghlijiet ta' kostruzzjoni.

Gie unanimament deciz li ghandna ninsistu li dan ix-xoghol isir mill-izviluppatur tal-binja peress li qabel ma inbeda x-xoghol ta' kostruzzjoni l-bankina kienet fi stat tajjeb ta' manutenzjoni.

**94/06/06** Il-Kunsillier Pio Fenech irrefera ghat-talba li kienet saret f'laqgha precedenti sabiex jitwahhal *shade* ma bozza fi Triq 31 ta' Marzu. Hu qal li meta hu kien ressaq din l-istess talba kien infurmat li l-*policy* ta' l-Enemalta kienet li dawn it-tip ta' *shades* ma jsirux. L-Agent S.E. ikkonferma li anke issa l-Enemalta qed isostnu l-istess. Fic-cirkustanzi gie unanimament deciz li ma jsir xejn aktar u li ninfurmaw lir-resident li ghamel it-talba bil-*policy* tal-Enemalta.

**94/07** **Korrispondenza**

**94/07/01** Korrispondenza varja li rcivejna mill-ahhar laqgha sa llum minghand il-MEPA dwar zviluppi fil-lokalita'.

Din il-korrispondenza giet innotata.

***Il-Kunsillier P. Fenech halla laqgha fit-8:10 pm***

**94/07/02** Memo 5/2011 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Direttur Gdid.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**94/07/03** Korrispondenza mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar laqgha li ser issir fl-4 ta' Frar dwar il-*Playing Fields.*

Din il-korrispondenza giet innotata u l-Agent S.E. informa li huwa kien ser jattendi.

**94/07/04** Korrispondenza mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Konferenza Gemellaggi li ser issir bejn il-11 u t-12 t' April 2011.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie deciz li l-Kunsillieri jinfurmaw jekk xtaqux li jattendu.

**94/07/05** Korrispondenza mis-Segretarjat Parl. responsabbli mill-Kunsilli Lokali fejn gejna nfurmati li konna gejna *shortlisted* ghall-*Green Challenge Award.*

Din il-korrispondenza giet innotata u gie unanimament deciz li ghandna nizguraw li kollox ikun kif ghandu jkun ghal meta ser isir il-*filming* mill-*Where's Everybody* ? tal-Latrina Pubblika. Gie deciz ukoll li ghandna nsibu 2 persuni sabiex jitkellmu fuq l-inizjattiva kif intlaqbna naghmlu fil-korrispondenza.

**94/07/06** Kwotazzjoni minghand l-ELC ghal zbir ta' sigar u xoghol iehor relatat fi Triq Ghaxqet l-Ghajn

Din il-korrispondenza giet innotata u gie unanimament deciz li ghandha issir sejha ghal stimi kif titlob il-ligi.

**94/07/07** Korrispondenza minghand l-AKLM dwar id-dati tal-Laghat Statutorji ghas-sena 2011

Din il-korrispondenza giet innotata.

**94/07/08** Korrispondenza mill-Kazin Banda San Bartilmew fejn intalbet laqgha dwar attivita' tal-Karnival.

Din il-korrispondenza giet innotata u l-Agent S.E. informa li huwa kien kellem lill-President fejn dan infurmah li huma xtaqu l-ghajnuna finanzjarja tal-Kunsill. L-Agent S.E. spjega li meta hu infurma lill-President li l-Kunsill ma setghax jaghti donazzjonijiet, il-President infurmah li ma kienx hemm skop li ssir il-laqgha.

**94/07/09** Korrispondenza mill-WasteServ Malta fejn gejna nfurmati li t-TM kienet approvat l-*Underground Bring-in Site* fi Triq San Gwann vicin it-Torri tas-Semaforu u li issa kienet ser issir applikazzjoni lill-MEPA.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie deciz li nkomplu nsegwu din l-applikazzjoni.

**94/08 Materji Ohra u Mistoqsijiet**

**94/08/01** Is-Sindku ta dettalji dwar dak li gie diskuss fil-Laqgha tas-Sindki li saret fi tmiem il-gimgha li ghaddiet u li ghaliha huwa kien attenda flimkien mal-Vici Sindku. Huwa qal li kienu gew diskussi fost l-ohrajn il-problemi li qed ikun hemm mal-WSC meta jkunu ser isiru toroq taht l-iskema PPP, il-ftehim kollettiv ta' l-iskrivani kif ukoll dwar ir-*refund* li s-Sindki ser ikollhom jaghmlu wara r-revizjoni li saret fl-onorarja.

**94/08/02** Gie unanimament deciz li ghandha ssir sejha ghall-offerti ghat-tindif tal-Latrina Pubblika kif ukoll ghall-ftuh u l-gheluq ta' Gnien il-Paci peress li l-kuntratt ezistenti jiskadi fl-ahhar ta' Frar 2011.

**94/08/03** Gew ipprezentati l-*Management Accounts* ghax-xahar ta' Dicembru 2010 u s-Sindku spjega li filwaqt li kellna aktar dhul milli anticipajna, anke l-hrug kien iktar u dan minhabba l-hlas li sar fuq ir-*resurfacing* tat-toroq that l-iskema PPP. Dawn l-*Accounts* gew approvati unanimament.

**94/08/04** L-Agent S.E. informa li huwa kien ircieva talba mill-Vici Sindku f'isem persuna li xtaqet tikri s-Sala tal-Komunita' sabiex fiha torganizza lezzjonijiet taz-Zumba. L-Agent S.E. nforma li l-Kunsill kien qabel fil-passat li s-Sala tista tintuza minn Ghaqdiet tar-rahal li m'ghandhomx affiljazzjoni politika u dan minghajr hlas pero l-Kunsill ma kellux *Bye Law* li tirregola l-kiri tas-Sala ghal skopijiet ohra. Barra minn dan kien hemm problema logistika dwar min kien ser jiehu hsieb ikun prezenti waqt dawn il-lezzjonijiet sabiex jiehu hsieb jaghlaq il-post. Fic-cikostanzi din it-talba ma setghetx tigi milqugha.

**94/09 Aggornament**

**94/09/01** Il-laqgha giet aggornata fid-9:00 p.m. wara li l-*items* fuq l-Agenda gew ezawriti u gie unanimament deciz li laqgha ohra ssir nhar it-Tnejn 7 ta' Frar 2011 fis-6:00 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Fabian Mizzi** | **7 ta' Frar 2011** |
| **Sindku** | **Agent Segretarju Ezekuttiv** | **Data** |